IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum l-1 ta' Settembru 2026

Rikors numru: BCT/40/2026 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Clive Vella

vs

L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Ra l-appell ippreżentat mill-Perit Karl li testwalment jaqra kif ġej:

To whom it may concern,

On behalf of the developer, I am appealing to the penalty imposed on the developer.

Following the stop works notice issued - as instructed by the BCA in minute 145a, the undersigned declared that the property which sustained minor damages was in fact safe via minute 147a submitted on 28/02/2026.

I also declared that the minor damages were of no structural danger, and that they would be repaired by the contractor / developer in due course.

Following nearly 2 months of inactivity, and of no response from the BCA, I, the undersigned inadvertently allowed works to continue on site without recalling whether

the stop works was yet waived or otherwise - believing that my report at minute 147a was in fact sufficient to proceed.

Whilst taking responsibility for continuation of works with the stop works in place, I also wish to kindly request that the administrative penalty be waived or reduced.

I hope my request will be taken into consideration.
Sincerely,

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi qiegħed jkun anness u immarkat bħala Dok BCA1 – Affidavit tal-Uffiċjal tal-Awtorita, in sostenn tal-penali amministrattiva;
3. Illi mingħajr preġudizzju għal dan l-appellanti ex admissis iddikjara li kien hemm xogħol mingħajr awtorizzazzjoni tal-Awtorita';
4. Illi dan bl-ebda mod ma jfisser li qiegħda tkun imxekla l-ħila tal-professjonist, sempliċiment li bħala regolatur, l-Awtorita' hija obbligata legalment li tara li ħadd ma jiddipartixxi mill-"method statement" approvat;
5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;
6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-appell odjern jikkonċerna xogħlijiet li skond l-Awtorita' appellata seħħew mingħajr ma kien hemm l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita' appellata sabiex dawn isiru.

L-appellant għażel li ma jipparteċipax f'dawn il-proċeduri u għajr il-preżentata tar-rikors promotur ma tressqet ebda prova jew dikjarazzjoni in sostenn tal-appell tiegħu. It-Tribunal ma jirriżultalux li ġiet preżentata xi forma ta' prova jew ġustifikazzjoni li timmerita li ddawwar id-deċiżjoni tal-Awtorita' appellata. Minkejja li fir-rikors ġie mitlub li l-penali titnaqqas, ma ġiet provduta ebda ġustifikazzjoni għal dan. Fl-istess rikors ġie ammess li x-xogħlijiet tkomplew minkejja li kien hemm 'stop notice' fis-seħħ u b'żieda ma' dan l-appellant naqas milli jattendi għas-seduti mogħtija lilu sabiex iressaq il-provi tiegħu.

In vista' ta' dan it-Tribunal ma jarax li għandha teżisti raġuni sabiex id-deċiżjoni ta' nhar it-28 ta' April 2026 tiġi revokata jew varjata.

Decide

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tal-appellant u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' ta' nhar it-28 ta' April 2026.

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan Psaila**
Chairperson	Membru	Membru